# KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT

## Maria Luís ALBUQUERQUE

## Servizzi Finanzjarji

### 1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażagħ?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Jiena tħarriġt bħala ekonomista. Matul il-ħajja professjonali tiegħi, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, ħdimt fuq kwistjonijiet finanzjarji minn diversi perspettivi. Bħala lekċerer tal-università, għallimt il-"Makroekonomija" u l-"Matematika tas-Swieq Finanzjarji." Għaqqadt l-għarfien teoretiku tiegħi mal-esperjenza diretta ta' politika fil-Ministeru għall-Finanzi, il-ħidma fid-Direttorat Ġenerali għat-Teżor, u bħala Konsulenta għas-Segretarju tal-Istat għat-Teżor u l-Finanzi. Aktar tard, kont responsabbli wkoll għall-ġestjoni finanzjarja ta' intrapriża tal-istat (SOE, state-owned enterprise) fil-qasam tal-infrastruttura ferrovjarja, REFER. L-esperjenza tiegħi bħala Kap tal-Emittenti u s-Swieq fl-aġenzija nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku għamlitni konxja ħafna tar-rabtiet profondi bejn il-baġits pubbliċi, is-sentiment tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. Ir-rwol tiegħi kien jinkludi r-rappreżentanza tal-uffiċċju tal-ġestjoni tad-dejn fil-kumitati tal-UE, jiġifieri s-Sottokumitat dwar is-Swieq tad-Dejn Sovran u t-Task Force dwar Azzjoni Koordinata, grupp ta' esperti bil-kompitu li jiddiskuti l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE biex tiġi ffaċċjata l-kriżi tad-dejn sovran. Dawk l-esperjenzi kienu essenzjali biex jgħinuni ninnaviga l-pożizzjonijiet diffiċli tal-Viċi Ministru għat-Teżor u tal-Ministru tal-Istat għall-Finanzi – fi żmien meta l-Portugall kien qed jiffaċċja kriżi ekonomika u monetarja akuta. Għal erba' snin u nofs, ipparteċipajt fil-laqgħat kollha tal-ECOFIN u tal-Grupp tal-Euro u ħdimt mill-qrib ma' ħafna istituzzjonijiet tal-UE inkluża l-Kummissjoni Ewropea. Il-ħiliet politiċi tiegħi komplew jiġu approfonditi bis-saħħa tas-snin li qattajt bħala membru tal-parlament nazzjonali. Bħala membru tal-parlament, kont parti mill-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej – fejn ħdimt biex niżgura rabtiet mill-qrib kontinwi bejn il-Portugall u l-korpi tal-UE.

Ngħaqqad din l-esperjenza profonda tas-settur pubbliku ma' fehim profond ta' kif jaħdmu s-swieq finanzjarji u l-impatti tar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali fil-prattika, li jien saħħaħt permezz tal-ħidma tiegħi ma' Arrow Global, plc, fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tal-kreditu u Morgan Stanley, bank globali. Kelli wkoll il-privileġġ li nkun membru tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, stabbilit mill-Kummissjoni fl-2019. Ir-rapport tagħna kkontribwixxa għall-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, b'rakkomandazzjonijiet li jibqgħu rilevanti ħafna għat-twettiq tal-Prijoritajiet Politiċi tal-President Von den Leyen.

F'dawn l-aħħar 15-il sena, kont involuta fin-negozjati u d-deċiżjonijiet ewlenin li għandhom l-għan li jipprovdulna l-għodod it-tajbin biex nipprevjenu kriżijiet finanzjarji u taż-żona tal-euro ġodda – inkluż l-istabbiliment tal-Unjoni Bankarja. Il-fatt li għixt dawn il-kriżijiet u l-konsegwenzi tagħhom, bl-impatt negattiv fuq il-ħajja u l-aspettattivi taċ-ċittadini fl-UE kollha kif ukoll il-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-UE, għamilni saħansitra aktar impenjata għall-proġett Ewropew. Tabilħaqq, nemmen bis-sħiħ li s-soluzzjonijiet għal kriżijiet bħal dawn jistgħu jinstabu biss billi naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Għalhekk nemmen bis-sħiħ fil-bini ta' Unjoni, ibbażata fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u l-progress f'dawk l-oqsma kollha fejn l-azzjoni flimkien tagħti riżultati aħjar mill-indirizzar tal-isfidi fil-livell nazzjonali. Huwa għalhekk li nieħu r-responsabbiltà li ningħaqad mal-Kummissjoni – jekk niġi kkonfermata – bl-akbar serjetà. Dan huwa impenn ta' responsabbiltà enormi peress li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri, iċ-ċittadini u n-negozji kollha fl-UE kollha jifhmu u jipparteċipaw

b'mod attiv biex tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u tiżdied il-prosperità, filwaqt li nilħqu l-għan tagħna li ntejbu l-kompetittività.

Jekk ninħatar Kummissarju, se nuża dawn il-ħiliet u l-kompetenzi kollha biex niżviluppa Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti li tinkludi s-swieq bankarji u kapitali, l-istabbiltà finanzjarja u l-kompetittività bl-għan li jinħolqu opportunitajiet aħjar għaċ-ċittadini biex titjieb il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, biex jiġi sfruttat l-investiment privat, u biex jitwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u soċjali. Se niffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli dwar is-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari biex niġġieled il-kriminalità finanzjarja u nsaħħaħ is-sanzjonijiet tal-UE, u se nistinka biex nissimplifika r-regoli tagħna kull fejn ikun possibbli biex niffaċilita l-ħajja taċ-ċittadini u tan-negozji u nsegwi l-oqsma kollha tal-ittra ta' missjoni tiegħi.

Jiena konxja ħafna li n-nisa għadhom sottorappreżentati fil-livelli kollha. Konxja wkoll li ċ-ċittadini, u ż-żgħażagħ u b'mod partikolari n-nisa, spiss ma jkollhomx il-ħiliet meħtieġa biex jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom jew jinnavigaw ekosistema finanzjarja dejjem aktar kumplessa u li qed tinbidel malajr. Nilqa' l-appoġġ qawwi tal-Parlament Ewropew għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u għall-iżgurar li t-tħassib dwar iż-żgħażagħ jiġi kkunsidrat fl-oqsma kollha ta' politika. Fit-tim tiegħi se niżgura wkoll il-bilanċ bejn il-ġeneri. Fi ħdan il-portafoll tiegħi – jekk ninħatar – u f'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, nixtieq niffoka b'mod partikolari fuq il-litteriżmu finanzjarju bħala mod kif jiġu indirizzati dawk iż-żewġ sfidi. Ninsab impenjata li norganizza djalogi annwali maż-żgħażagħ, bl-ewwel wieħed li jiġi organizzat mill-ewwel 100 jum tal-kariga tiegħi. Se nimxi mal-ispirtu u mal-kelma tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji, inkluż billi naġġorna d-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi li hija disponibbli għall-pubbliku jekk ikun hemm xi bidliet. Se nevita kull pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' ddaħħal dubju rigward l-indipendenza, l-imparzjalità jew id-disponibbiltà tiegħi lejn il-Kummissjoni, u se ninforma lill-President tal-Kummissjoni dwar kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interessi fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħi. Tassew nemmen li l-akkontabbiltà u t-trasparenza mhumiex biss rekwiżit, iżda huma imperattiv morali li se nagħmel ħilti kollha biex inħarsu.

Se nirrispetta bis-sħiħ it-Trattati tal-UE u l-obbligu li dejjem naġixxi fl-interess tal-Unjoni. Inħossni onorata ferm li għal darb'oħra għandi l-opportunità li naqdi l-interess pubbliku. Se nuża l-esperjenza u l-għarfien espert kollha li ksibt fir-rwoli differenti tiegħi biex inservi l-interess tal-Unjoni – u l-interess tal-Unjoni biss.

## 2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lesta li tieħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Jekk ninħatar, inkun privileġġjata, kburija, u onorata li ningħaqad mal-Kulleġġ tal-Kummissarji. Bħala Membru tal-Kulleġġ, se nappoġġja l-aġenda politika komuni tagħna, u se nieħu r-responsabbiltà politika għall-attivitajiet fil-portafoll tiegħi, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kolleġġjalità tal-Kummissjoni. Jekk ninħatar, se nwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħi f'kooperazzjoni sħiħa mal-membri l-oħra tal-Kummissjoni, f'konformità mal-metodi ta' ħidma, u f'konformità mad-deċiżjonijiet interistituzzjonali dwar il-programmazzjoni pluriennali.

Ninsab impenjata li ninvolvi ruħi mal-Parlament fl-istadji kollha kemm tal-proċess tat-tfassil tal-politika kif ukoll tad-djalogu politiku, u li nżomm relazzjoni bbażata fuq il-ftuħ, it-trasparenza, il-fiduċja reċiproka, ir-rapportar u l-iskambju ta' informazzjoni regolari, b'mod partikolari biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita s-sorveljanza demokratika tiegħu b'mod effettiv. Jekk ninħatar, se nisma' mill-qrib it-tħassib tal-Parlament Ewropew u naħdem mal-Kulleġġ tal-Kummissarji biex inwieġeb it-talbiet tiegħu. B'mod partikolari, se naħdem mill-qrib mal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (il-Kumitat ECON) bħala l-kumitat responsabbli ewlieni fil-qasam ta' ħidma tiegħi. Se ngħarraf b'mod regolari lill-membri tiegħu u naħdem ma' kumitati rilevanti oħra skont id-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kumitati responsabbli, kif ukoll se nipparteċipa f'dibattiti rilevanti matul s-sessjonijiet plenarji.

Bl-istess mod, il-kabinett tiegħi u d-DĠ FISMA, is-servizz li jaqa' fir-responsabbiltà tiegħi jekk ninħatar, se jikkooperaw mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat ECON abbażi tal-prinċipji ta' fiduċja, trasparenza, fluss reċiproku ta' informazzjoni, u assistenza reċiproka, filwaqt li nifhem ir-rekwiżit ta' akkontabbiltà sħiħa lejn il-Parlament Ewropew.

Konxja ħafna li, kemm fid-djalogu ta' politika kif ukoll fl-inizjattivi leġiżlattivi, hija biss il-kooperazzjoni effettiva u leali li tista' tagħti riżultati. Se naħdem biex nibni konsensus f'konformità mal-Ftehim Qafas tal-2010 u mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Ninsab impenjata bis-sħiħ lejn l-intenzjoni tal-President tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-relazzjoni speċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, u lesta li nipparteċipa personalment f'negozjati ta' trilogu importanti u li niffaċilita l-attendenza attiva u regolari tal-laqgħat tal-kumitati, il-fluss regolari u dirett ta' informazzjoni mal-president tal-kumitat parlamentari, id-disponibbiltà għal laqgħat bilaterali u l-komunikazzjoni diretta mal-membri tal-kumitat kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni ċara u fil-pront u s-segwitu tal-fehmiet espressi.

Barra minn hekk, ninsab impenjata favur l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattati, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, u l-Ftehim Qafas. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma koleġiżlaturi skont it-Trattati tal-UE fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u se nirrispetta l-prinċipju ta' trattament ugwali għaż-żewġ istituzzjonijiet. Jiena nappoġġja l-impenn tal-President von der Leyen li jissaħħaħ id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew u l-impenn tal-Kummissjoni li jiġu segwiti r-riżoluzzjonijiet parlamentari.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)**

*3. X'inhi l-viżjoni tiegħek dwar kif għandha tiġi żviluppata s-CMU/l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti? Liema se jkunu l-passi konkreti u l-iskeda ta' żmien li se tieħu biex tiżviluppaha? Dawn il-miżuri sa liema punt se jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi magħmula mir-rapporti Letta, Noyer u Draghi?*

Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU, Savings and Investments Union) li tinkludi l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU, Capital Markets Union) kif ukoll l-Unjoni Bankarja (BU, Banking Union) ġustament irċeviet ħafna attenzjoni reċentement u tidher fost l-impenji prijoritarji tal-President. Ninsab kuntenta li ġie rikonoxxut b'mod wiesa' li l-iżvilupp tas-swieq kapitali tal-UE issa huwa "ħtieġa li jkollna" ċara u mhux biss "tajjeb li jkollna" jekk irridu niffinanzjaw b'mod sostenibbli l-objettivi politiċi ambizzjużi tagħna bħat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali. Il-momentum politiku li qed nara b'appoġġ għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti jista' jixpruna bidla pożittiva, iżda biss jekk dan jissarraf f'azzjonijiet konkreti ta' politika.

Il-viżjoni tiegħi hija ċara: l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti għandha tkun strument ewlieni biex jappoġġja l-objettiv usa' tal-UE li jagħti spinta lill-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni u jiffaċilita t-tranżizzjoni. L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti se tikkomplementa u trawwem inizjattivi ewlenin oħra tal-UE, bħall-Patt għal Industrija Nadifa. L-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux jiksbu dan waħedhom - il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi dawk mill-industrija u mis-soċjetà ċivili jridu jkunu involuti u r-riformi jagħmluhom tagħhom. Il-bini tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti jirrikjedi progress f'għadd ta' linji ta' ħidma, filwaqt li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha u l-partijiet ikkonċernati kollha jibbenefikaw minn swieq finanzjarji b'saħħithom u integrati, u swieq domestiċi żviluppati sew sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Mingħajr swieq kapitali li jiffunzjonaw tajjeb kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, ma nistgħux nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' investiment tagħna fis-snin li ġejjin.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, irrid niżviluppa Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti li tippromwovi l-kompetittività, il-prosperità u l-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji kollha fl-UE. L-għan ewlieni tagħna għandu jkun li l-iffrankar Ewropew jiġi dirett bl-aktar mod effettiv possibbli biex jiġu ffinanzjati investimenti produttivi u strateġiċi, filwaqt li jiġu massimizzati l-benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji. Jekk niġi kkonfermata, irrid nibni kemm is-CMU kif ukoll il-BU b'mod koeżiv sabiex l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tkun tista' tgħin lill-UE tilħaq "punt kritiku", li warajh rati ogħla ta' tkabbir, kompetittività u ħolqien tal-ġid tal-unitajiet domestiċi jkunu jistgħu jsaħħu lilhom infushom. Dan se jirrikjedi l-isforzi sostnuti komuni tagħna u ma hemm l-ebda "linja finali" stabbilita.

Nemmen li se jkun kruċjali li l-banek jiġu integrati fl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti peress li għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-konnessjoni tat-tfaddil u tal-investimenti fl-Ewropa. L-ewwel nett, il-banek se jkompli jkollhom parti importanti mit-tfaddil taċ-ċittadini u se jipprovdu finanzjament essenzjali lill-biċċa l-kbira tal-kumpaniji fl-Ewropa. It-tieni, banek Ewropej b'saħħithom li joperaw minn naħa għal oħra tal-fruntiera huma meħtieġa għal servizzi ewlenin tas-suq kapitali bħall-elenkar u n-negozjar. It-tielet, swieq bankarji integrati jikkontribwixxu wkoll għal allokazzjoni aktar effiċjenti tal-finanzjament fl-ekonomija kollha tal-UE. Nemmen li eżiti ambizzjużi dwar fajls relatati ma' karatteristiċi strutturali ewlenin tal-BU, b'mod partikolari r-riforma li għaddejja tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-Assigurazzjoni tad-Depożiti u l-ħolqien ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS, European Deposit Insurance Scheme) se jikkontribwixxu għal aktar

integrazzjoni tas-settur bankarju u jsaħħu l-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, il-progress jiddependi fuq l-impenn u l-appoġġ, fl-ogħla livell politiku fl-UE, mill-Parlament Ewropew, u mill-Istati Membri.

Iċ-ċittadini jridu jkunu fil-qalba tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Iċ-ċittadini jistgħu jkunu rebbieħa kbar tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, kif ukoll atturi kritiċi fis-suċċess tagħha. Iridu jgawdu aktar benefiċċji mis-swieq kapitali u bankarji tal-UE u jkunu appoġġjati aħjar fil-bini tal-ġid tal-unitajiet domestiċi. Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jpoġġu aktar mit-tfaddil tagħhom "biex iħaddmuh" fis-swieq kapitali filwaqt li jkunu protetti b'mod xieraq, li jippermetti d-diversifikazzjoni fil-finanzjament tal-investiment fl-UE kollha u jipprovdi l-kapital meħtieġ b'mod urġenti min-negozji tal-UE biex jikkompetu, jinnovaw u jħaddnu b'mod sostenibbli t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u soċjali.

Peress li ġejja minn pajjiż fil-periferija tal-Unjoni, konxja ħafna li s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u n-negozji f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfaddil u mal-investimenti huma differenti ħafna fi Stati Membri differenti. L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti trid taħdem għall-Istati Membri kollha, irrispettivament mid-daqs, il-livell attwali tal-iżvilupp tas-suq kapitali jew is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Irridu niffukaw fuq l-iżvilupp ta' swieq kapitali profondi u integrati fil-livell Ewropew, mibnija fuq swieq kapitali b'saħħithom u żviluppati sew fl-Istati Membri kollha. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jridu jieħdu sjieda sħiħa tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u jimpenjaw ruħhom b'mod attiv biex jidentifikaw dak li jaħdem sew u dak li ma jaħdimx sew. Dan se jippermetti l-adozzjoni tal-aħjar prattiki fil-livell tal-UE u se jappoġġja wkoll l-iżvilupp tas-suq lokali. Kont involuta fil-proġett tas-CMU għal żmien twil u nifhem tajjeb ta' dak li jaħdem u ta' dak li ma jaħdimx. Jekk niġi kkonfermata, se nibni fuq l-isforzi preċedenti u t-tagħlimiet meħuda u, b'mod importanti, inqis l-input tal-partijiet ikkonċernati kollha. Bħala tali, nara li xi wħud mill-miżuri ta' faċilitazzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti jistgħu jkunu "minn isfel għal fuq" u bħala tali mmexxija u mwettqa mill-Istati Membri, b'appoġġ u koordinazzjoni mill-Kummissjoni. L-appoġġ tagħkom, Onorevoli Membri, se jkun ta' importanza kbira għal dak l-għan.

F'termini ta' skedi ta' żmien u passi konkreti, jekk niġi kkonfermata, fl-ewwel xhur minn meta nieħu l-kariga nippreżenta approċċ globali dwar kif l-UE, l-Istati Membri u l-parteċipanti fis-suq jistgħu jimxu 'l quddiem b'mod deċiżiv fl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. B'dan il-ħsieb, u meta jitqies il-momentum politiku li għandha bħalissa l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, nemmen li l-azzjonijiet ta' politika għandhom ikunu ffukati fuq sett limitat ta' miżuri trasformattivi li jistgħu jitwettqu f'perjodu ta' żmien ħames snin. Naħseb ukoll li dan għandu jsir b'inqas regolamentazzjoni milli rajna f'dawn l-aħħar snin. L-inizjattivi taħt l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti għandhom jinkludu wkoll proposti biex jitnaqqas u jiġi ssimplifikat il-piż regolatorju, b'mod partikolari għall-SMEs.

Fl-ispjegazzjoni tal-prijoritajiet għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, nixtieq nibni fuq il-ħidma tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fuq ir-rapporti reċenti minn Enrico Letta u Mario Draghi kif ukoll rapporti oħra maħruġa fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari r-rapport Noyer, u niffaċilita approċċ "fil-livell tal-UE kollha". Dawn l-inputs indikaw għadd ta' kwistjonijiet importanti inkluża l-ħtieġa li jiġu estiżi l-inċentivi għall-''investituri informali'' u investituri privati/pubbliċi ta' kapital ta' avvjament, biex tiżdied l-attrazzjoni tas-swieq tal-istokks Ewropej għall-offerti pubbliċi inizjali (IPO, initial public offerings) u għall-kumpaniji wara li jsiru pubbliċi, biex titnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja f'oqsma bħall-insolvenza, l-infrastruttura tat-taxxa jew tas-suq finanzjarju, biex jitħeġġeġ l-investiment bl-imnut inkluż permezz tal-offerta ta' prodotti ta' tfaddil fit-tul, biex jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju, biex jiġi rieżaminat il-qafas regolatorju għat-titolizzazzjoni, jew biex isir progress lejn superviżjoni aktar komprensiva u integrata.

Tali riformi huma bla dubju meħtieġa. Madankollu, qabel ma niddeċiedi dwar dak li għandi nipproponi, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, nixtieq nagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn x'inhuma l-problemi ewlenin, u niddiskuti aktar mal-Parlament Ewropew, mal-Istati Membri, u mal-partijiet ikkonċernati kollha biex nidentifikaw il-prijoritajiet kondiviżi tagħna. Pereżempju, jiena konxja li s-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar l-identifikazzjoni tal-ostakli għall-integrazzjoni tan-negozjar u ta' wara n-negozjar u għaż-żieda tal-fondi ta' investiment li jiġu investiti f'ditti innovattivi u ta' tkabbir. Is-sena d-dieħla għandu jitlesta studju li għandu jagħti aktar għarfien dwar dawk l-ostakli għall-konsolidazzjoni. Naf ukoll li f'Ottubru s-servizzi tal-Kummissjoni nedew konsultazzjoni pubblika dwar kif tista' titnieda mill-ġdid it-titolizzazzjoni. Barra minn hekk, f'oqsma oħra, bħat-titjib tas-sistema superviżorja fil-livell tal-UE, qed nippjana, jekk niġi kkonfermata, li nikkonsulta bir-reqqa u nimpenja ruħi mal-partijiet ikkonċernati kollha biex nivvaluta sa liema punt l-għodod eżistenti qed jintużaw b'mod effiċjenti u jekk humiex meħtieġa aktar bidliet strutturali. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, dawk l-eżerċizzji kollha ta' ġbir ta' informazzjoni u d-djalogu se jkunu kruċjali biex ninforma l-azzjoni tiegħi fix-xhur li ġejjin, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' membri oħra tal-Kulleġġ u, fl-aħħar mill-aħħar, biex nilħqu l-għan komuni tagħna ta' Unjoni aktar kompetittiva u ġusta.

*4. Kif beħsiebek tkompli tiżviluppa l-infrastruttura tas-suq (ta' wara n-negozjar) tal-Unjoni bħala pedament għal aktar integrazzjoni tas-suq? Taħseb li r-rieżami reċenti tal-EMIR se jirnexxilu jġib in-negozju tal-ikklerjar tad-derivattivi denominati f'euro fiċ-ċentri finanzjarji tal-UE? X'passi se tieħu sabiex tfassal prodott ta' tfaddil u ta' investiment sempliċi u bi prezz baxx fl-Unjoni sabiex tiżgura livell xieraq ta' protezzjoni għall-konsumaturi u għall-investituri bl-imnut, u sabiex iżżid il-parteċipazzjoni fis-swieq kapitali? X'inizjattivi se tieħu biex ittejjeb il-litteriżmu finanzjarju? Taħseb li r-regoli dwar it-titolizzazzjoni għandhom jiġu emendati issa jew meta s-CMU titwettaq bis-sħiħ, u dan kif jista' jaffettwa l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni? Qed tippjana li tressaq riforma leġiżlattiva sabiex taġġusta l-qafas superviżorju għas-swieq kapitali, billi tieħu l-MSU bħala eżempju?*

L-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, inklużi dawk li jipprovdu servizzi ta' wara n-negozjar, huma kruċjali għall-funzjonament tas-swieq kapitali tal-UE. Iridu jkunu reżiljenti, effiċjenti u innovattivi biex is-swieq finanzjarji tagħna jibqgħu kompetittivi globalment. Sfortunatament, hemm ostakli li jipprevjenu l-ħolqien ta' suq verament uniku għas-servizzi ta' wara n-negozjar fl-UE. Sar xi progress fit-tneħħija ta' dawk l-ostakli, iżda għad fadal ħafna minnhom, kif enfasizzat fir-rapporti reċenti tal-esperti ta' livell għoli.

Reċentement, is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw skambju ta' fehmiet bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-identifikazzjoni tal-ostakli li fadal għall-integrazzjoni tas-servizzi ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. Barra minn hekk, is-sena d-dieħla għandu jitlesta studju li għandu jagħti aktar għarfien. Għaddejja ħidma f'oqsma oħra rilevanti għas-CMU, inklużi l-liġi tal-kumpaniji u l-liġi dwar l-insolvenza, u, jekk niġi kkonfermata, se nikkoopera b'mod partikolari mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt biex niżgura li lkoll nimxu fl-istess direzzjoni biex ngħinu lill-kumpaniji u niżviluppaw is-Suq Uniku b'mod li jipproteġi b'mod xieraq lill-konsumaturi u lill-investituri bl-imnut, filwaqt li niżgura li jiġu ssimplifikati r-regoli rilevanti u li jappoġġjaw il-kompetittività. Diġà huwa ċar għalija li jeħtieġ naħdmu aktar fuq it-tneħħija tal-ostakli li jaġixxu bħala ostaklu għall-integrazzjoni mmexxija mis-suq tas-suq għas-servizzi ta' wara n-negozjar.

Il-kontropartijiet ċentrali għall-ikklerjar (CCPs, central counterparties for clearing) għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-ġestjoni tar-riskji fis-swieq kapitali u fil-promozzjoni tal-funzjonament bla xkiel tagħhom. Bħala tali, is-CCPs huma atturi ewlenin għall-ħolqien ta' CMU ta' suċċess. Ir-rieżami reċenti tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew, magħruf bħala EMIR 3, li dwaru l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftiehmu fi Frar ta' din is-sena, jistabbilixxi l-qafas għat-trawwim ta' swieq tal-ikklerjar kompetittivi u attraenti fl-UE, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura l-istabbiltà finanzjarja.

Għalkemm il-kompromess finali milħuq mill-koleġiżlaturi dwar il-kont attiv huwa inqas ambizzjuż minn dak li pproponiet il-Kummissjoni, isib bilanċ bejn intervent regolatorju aktar b'saħħtu u approċċ immexxi mis-suq. Huwa l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tad-dipendenza eċċessiva fuq CCPs sostanzjalment sistemiċi ta' pajjiżi terzi u l-mitigazzjoni tar-riskji relatati. Il-kont attiv, flimkien ma' miżuri oħra biex jittejbu l-attraenza u l-kompetittività tas-swieq tal-ikklerjar tal-UE, għandu jagħti bidu għal proċess li permezz tiegħu jkompli jiżviluppa l-ikklerjar fl-UE u titnaqqas id-dipendenza eċċessiva tas-swieq finanzjarji tagħna fuq ċerti CCPs ta' pajjiżi terzi. L-EMIR 3 se jippermettilna nimmonitorjaw bir-reqqa l-punt sa fejn il-kombinazzjoni ta' dawn il-miżuri se ġġib ir-riżultati mixtieqa. Ninkoraġġixxi lill-parteċipanti fis-suq jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet ipprovduti u jgħinu fl-iżvilupp ta' suq tal-ikklerjar profond u likwidu fl-UE, u jimmitigaw ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tagħna.

Fir-rigward ta' prodott ta' tfaddil u ta' investiment sempliċi u bi prezz baxx, nixtieq nenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat suq verament uniku għal tali prodotti, billi jiġi ffaċilitat u inċentivat l-aċċess tal-investituri bl-imnut għal tali prodotti. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha biex nidentifika l-aħjar triq 'il quddiem li tibbilanċja b'mod adegwat l-interessi kollha involuti. Tali eżitu għandu jiżgura li l-investituri bl-imnut jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment infurmati tajjeb, ikunu protetti b'mod adegwat, u jiksbu negozju ġust meta jinvestu fis-swieq kapitali. Huwa biss jekk l-investituri bl-imnut ikunu jistgħu jafdaw is-swieq biex jipprovdulhom redditi deċenti u biex jissodisfaw il-preferenzi tagħhom fl-appoġġ, pereżempju, ta' proġetti sostenibbli, li se jħossuhom inċentivati biex jinvestu aktar. Barra minn hekk, it-titjib tal-livelli ta' litteriżmu finanzjarju u diġitali se jkun ta' importanza kbira, li jippermetti lill-investituri bl-imnut jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jevitaw frodi u scams finanzjarji. Dwar dawn is-suġġetti, nirreferi wkoll lill-Onorevoli Membri għat-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija bil-miktub numru 8.

It-titolizzazzjoni hija bla dubju importanti, iżda huwa essenzjali li jkun hemm fehim tal-problemi f'dan is-suq qabel ma jiġu diskussi kif dawn jiġu indirizzati. Għal din ir-raġuni, naħseb li huwa tajjeb li s-servizzi tal-Kummissjoni nedew konsultazzjoni pubblika mmirata dwar it-titolizzazzjoni. Abbażi tal-eżiti tagħha, se nkun f'pożizzjoni, jekk niġi kkonfermata, li nikkonkludi dwar l-aħjar linja ta' azzjoni, kemm fir-rigward tat-twaqqit kif ukoll tal-kontenut ta' kwalunkwe proposta. Jekk l-evidenza turi li hija ġġustifikata azzjoni immedjata, ikun jeħtieġ

li naġixxu. Naturalment, irridu niżguraw li l-ebda waħda mill-azzjonijiet tagħna – jew in-nuqqas tagħha – ma tipperikola l-istabbiltà finanzjarja.

Id-differenzi fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni jfixklu l-iżvilupp ta' swieq kapitali integrati, u b'hekk iżidu l-kostijiet u jnaqqsu l-kompetittività. Ħafna minn dawn id-differenzi jistgħu jkunu detrimentali wkoll għall-investituri, li jistgħu jiffaċċjaw livelli li jvarjaw ta' protezzjoni fl-Istati Membri kollha. Sistema superviżorja mtejba fil-livell tal-UE tista' tkun mutur ewlieni biex jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-swieq kapitali tagħna, billi jitnaqqsu l-ineffiċjenzi, jiġu realizzati ekonomiji ta' skala, u tinħoloq fiduċja fil-funzjonament tas-swieq. Dan ikun strumentali biex jitnaqqas il-piż regolatorju. Hemm diversi modi kif tista' tittejjeb is-superviżjoni. Mod wieħed huwa s-superviżjoni konġunta fil-livell tal-UE li fiha superviżur uniku jissorvelja ċerti atturi tas-suq (bħall-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku fis-settur bankarju) fl-Istati Membri differenti. Mod ieħor huwa li jiġi żgurat li s-superviżuri nazzjonali, li joperaw flimkien, ikunu allinjati aħjar fl-approċċi u l-eżiti tagħhom, u b'hekk iwasslu b'mod konġunt superviżjoni konverġenti. Jekk niġi kkonfermata, qed nippjana li nikkonsulta bir-reqqa u nimpenja ruħi mal-partijiet ikkonċernati kollha dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-arranġamenti superviżorji fl-UE. Abbażi tal-input tagħhom, jiġu vvalutati l-għażliet biex tittejjeb is-sistema superviżorja u tiġi proposta triq xierqa 'l quddiem. Jekk niġi kkonfermata, se nserraħ fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri f'dan il-proċess.

**Unjoni Bankarja**

*5. Kif beħsiebek tipprijoritizza t-tlestija tal-Unjoni Bankarja? Skont il-parametri mill-ittra ta' missjoni tiegħek, x'se tkun b'mod partikolari t-triq tiegħek 'il quddiem sabiex tiġi stabbilita EDIS? Kif beħsiebek tindirizza l-kwistjoni tal-konsolidazzjoni bankarja fil-livell tal-Unjoni? Inti impenjata għall-implimentazzjoni sħiħa tal-istandards ta' Basel III mingħajr aktar dewmien?*

L-istabbiltà finanzjarja hija prekundizzjoni, għalkemm mhux waħda suffiċjenti, għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività. Bħala Ministru għall-Finanzi tal-Portugall, kont involuta fil-ġestjoni tal-fallimenti ta' diversi banek wara l-kriżi finanzjarja globali 2008/2009. Fil-kriżi ekonomika li segwiet, ħafna nies tilfu l-impjieg tagħhom, djarhom, u ħafna negozji tħabtu u għalqu. Din l-esperjenza għallmitni li s-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti huma essenzjali għall-protezzjoni tal-benesseri tal-unitajiet domestiċi u tan-negozji. L-elementi tal-Unjoni Bankarja diġà fis-seħħ ikkontribwew ħafna biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-settur bankarju. Dan intwera sew fir-rebbiegħa tal-2023, meta fallew għadd ta' banek reġjonali tal-Istati Uniti, u seta' ġara lill-istess Credit Suisse, filwaqt li l-banek tal-UE ffaċċjaw tajjeb ix-xokkijiet ekonomiċi relatati u r-riskju ta' kontaġju finanzjarju.

S'issa, meta kienet qed tiġi żviluppata l-Unjoni Bankarja, l-enfasi kienet l-aktar fuq il-ġabra tar-regoli u l-arkitettura istituzzjonali. Jekk niġi kkonfermata, nixtieq inqarreb iċ-ċittadini u n-negozji lejn il-qalba tagħha. Nixtieq niffoka l-azzjoni tiegħi fuq dak li tista' twasslilhom l-Unjoni Bankarja: pereżempju, il-protezzjoni tad-depożiti jeħtieġ li tkun robusta, sabiex in-negozji u l-imprendituri jkunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom u jkabbru l-ekonomija tagħna. Barra minn hekk, l-Unjoni Bankarja għandha twassal biex il-banek jipprovdu servizzi finanzjarji aħjar u orħos, xprunati minn kompetizzjoni transfruntiera effettiva. It-tfaddil għandu jintuża bl-aktar mod produttiv tiegħu fl-UE u l-investiment mill-korporazzjonijiet għandu jiġi appoġġjat mill-banek: dawn iridu jkunu l-objettivi aħħarin tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti usa'. F'dan il-kuntest, aktar konsolidazzjoni tista' tippermetti lill-banek jiżviluppaw mudelli ta' negozju aktar effiċjenti, ikunu aktar innovattivi, jinvestu aktar fit-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, information technology), jikbru fis-suq uniku, jikkompetu internazzjonalment, u jsiru aktar reżiljenti għax-xokkijiet permezz tad-diversifikazzjoni. Jiena marbuta wkoll mad-diversità tal-mudelli ta' negozju bankarju.

Biex niżviluppa aktar l-Unjoni Bankarja, jekk niġi kkonfermata, nistabbilixxi l-prijoritajiet li ġejjin:

L-ewwel nett, se naħdem biex nippreżerva l-qafas prudenzjali effettiv tagħna. L-esperjenza professjonali preċedenti kollha tiegħi turini kemm huwa importanti li jkun hemm qafas prudenzjali sod u robust. L-implimentazzjoni tal-Pakkett Bankarju, li introduċa l-elementi finali tal-istandards ta' Basel III fid-dritt tal-UE, hija l-punt tat-tluq tiegħi. Il-linja ta' politika tal-UE hija li jiġu applikati l-istandards miftiehma internazzjonalment għall-4 500 bank kollha tal-UE, u mhux biss għal dawk kbar attivi internazzjonalment, kif inhuwa l-każ f'ġuriżdizzjonijiet oħra. Qed nagħtu biżżejjed żmien lill-banek biex jadattaw għar-regoli l-ġodda. Għalhekk, ippermettuli nkun ċara ħafna: irridu nimplimentaw ir-regoli, mhux inreġġgħuhom lura. Iżda rridu nkunu konxji wkoll mill-kompetittività internazzjonali, u l-konsegwenzi possibbli tad-dewmien u d-diverġenzi fl-implimentazzjoni tal-istandards minn ġuriżdizzjonijiet importanti oħra. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se ninkoraġġixxi lis-sħab internazzjonali tagħna jimplimentaw ir-riformi maqbula ta' Basel kemm jista' jkun malajr biex niżgura kundizzjonijiet ekwi. U wara 15-il sena ta' riformi bankarji kbar, naħseb li għandna nieqfu u

nħallu ż-żmien biex jiġi stabbilit il-qafas, għalkemm jista' jkunu għadhom meħtieġa bidliet żgħar immirati għall-qafas fil-futur.

It-tieni, jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex insawwar kompromess dwar il-qafas għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Bankarji u l-Assigurazzjoni tad-Depożiti (CMDI, Crisis Management and Deposit Insurance) li jġib progress reali fil-ġestjoni tal-fallimenti tal-banek u jiżgura l-istabbiltà finanzjarja. Qafas CMDI aktar b'saħħtu għandu jgħammar lill-awtoritajiet bl-għodod xierqa biex jittrattaw ma' banek inadempjenti ta' kwalunkwe daqs u mudell ta' negozju, u b'hekk jippreservaw il-valur minflok jeqirduh. Sa fejn ninsab ikkonċernat, in-negozjati dwar is-CMDI għandhom jibdew kemm jista' jkun malajr, u jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, nimpenja ruħi li ninvesti l-isforzi tiegħi biex insib kompromessi bejn il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwasslu għal titjib fil-qafas attwali u jsaħħu l-istabbiltà finanzjarja.

It-tielet, se naħdem biex nidentifika triq 'il quddiem dwar l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS, European Deposit Insurance Scheme) biex tiżgura li d-depożitanti kollha jkunu protetti bl-istess mod kull fejn ikunu fl-Unjoni Bankarja u li se tindirizza r-riskju li l-fallimenti tal-banek lokali jistgħu jikkawżaw kontaġju u effetti konsegwenzjali fuq banek oħra u pajjiżi oħra. Irrid naħdem lejn soluzzjoni li kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jistgħu jappoġġjaw, u l-Parlament jista' jkun ta' għajnuna kbira f'dan ir-rigward. Il-Kumitat ECON adotta rapport interessanti fi tmiem il-leġiżlatura preċedenti li jidentifika elementi ta' punt tat-tluq għal kompromess. Peress li d-diskussjonijiet dwar l-EDIS ilhom jieqfu għal kważi għaxar snin, għandna nkunu miftuħa wkoll għal għażliet differenti biex jinstab kunsens. Ir-rieda min-naħat kollha f'dan ir-rigward hija kruċjali, u jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, ninsab lest li niffaċilita ftehim.

Ir-raba', se nesplora modi kif inħares lejn l-aspetti rilevanti l-oħra identifikati matul l-aħħar snin. Jeħtieġ li nirriflettu dwar kif niżguraw li s-sussidjarji tal-banek lokali jibbenefikaw mill-appoġġ tal-kumpanija omm tagħhom li tinsab fi Stat Membru ieħor fi kriżi. U jeħtieġ li nħarsu lejn l-ostakli għall-forniment transfruntier ta' servizzi bankarji fis-suq uniku. Dawn mhumiex kwistjonijiet faċli. Iżda huma importanti biex jiġi żgurat li l-Unjoni Bankarja verament tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u l-kumpaniji fl-UE u tikkontribwixxi b'mod effettiv biex twassal l-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti tagħna.

Jekk niġi kkonfermata, se nserraħ fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew f'dan l-isforz. Fir-Rapport annwali tiegħu tal-2023 dwar l-Unjoni Bankarja, il-Parlament iddeskriva lill-Unjoni Bankarja bħala komplement essenzjali għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u għas-suq uniku. Huwa enfasizza l-potenzjal għal Unjoni Bankarja integrata biex ittejjeb il-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumatur fl-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur, inkluż permezz ta' opportunitajiet imtejba għal servizzi bankarji transfruntiera. Barra minn hekk, enfasizza l-benefiċċji ta' settur bankarju diversifikat u kompetittiv fl-UE. Naqbel bis-sħiħ ma' dawn il-fehmiet.

L-UE ma għandhiex iddewwem aktar peress li d-distakk fil-kompetittività ma' ġuriżdizzjonijiet oħra, bħal mal-Istati Uniti, qed ikompli jikber. Issa wasal iż-żmien li jsir progress fis-CMDI, l-EDIS, u l-fajls l-oħra kollha li huma meħtieġa biex tiġi żviluppata aktar l-Unjoni Bankarja.

*6. Strutturi paralleli ta' finanzjament li bħalissa jaqgħu barra mill-perimetru regolatorju jistgħu joħolqu kwistjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti makroprudenzjali. X'inhi l-fehma tiegħek dwar ir-rabta bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji u s-sistema bankarja tradizzjonali u l-inizjattivi potenzjali, f'dan ir-rigward?*

Istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji (NBFIs, Non-bank financial institutions) bħal kumpaniji tal-immaniġġjar tal-assi, fondi ta' investiment, ditti ta' investiment, fondi ta' pensjoni, kumpaniji tal-assigurazzjoni, u sa ċertu punt entitajiet mhux regolati, bħal family offices, fondi ta' investimenti sovrani, kumpaniji finanzjarji, u fondi nazzjonali ta' pensjoni, huma sors ewlieni ta' finanzjament għal kumpaniji, banek u gvernijiet, u huma fornituri ta' servizzi finanzjarji stabbiliti sew fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja. Dawn huma strumentali għar-rispons tal-UE għall-isfida: 1) li nattiraw kapital privat biex niffinanzjaw il-prijoritajiet ta' politika tagħna u t-tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u soċjali u l-impriżi innovattivi kif issottolinjat minn rapporti reċenti ta' esperti ta' livell għoli u 2) li nipprovdu servizzi finanzjarji lill-ekonomija tal-UE u lill-bqija tad-dinja.

Il-forum ta' livell għoli tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li fih aġixxejt bħala kopresident tal-fergħa li tħares lejn il-parteċipazzjoni bl-imnut, indika fl-2020 li għan ewlieni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa li trawwem il-kompetittività ekonomika u t-tkabbir billi tipprovdi sorsi aktar diversi ta' finanzjament għall-innovazzjoni, u għalhekk tagħti spinta lill-produttività. L-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji huma sors ta' diversità finanzjarja, peress li prinċipalment jiffinanzjaw lilhom infushom u jinvestu permezz tas-swieq kapitali u huma wkoll sors ewlieni ta' investiment u finanzjament għal banek u setturi privati u pubbliċi oħra.

F’dawn l-aħħar snin, is-setturi mhux bankarji kibru aktar mis-settur bankarju f’termini ta’ assi finanzjarji totali. Jiena konxju ħafna li, bħala riżultat ta’ avvenimenti ta’ stress f’dawn l-aħħar snin, bħall-kriżi fil-likwidità matul il-pandemija tal-COVID-19, l-iskandlu finanzjarju ta’ Archegos jew il-kriżi ta’ fondi ta’ investiment xprunati mir-responsabbiltà, it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja dwar istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji tfaċċa f’diskussjonijiet ta’ politika internazzjonali, b’inizjattivi f’għadd ta’ ġuriżdizzjonijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux tal-UE u tal-UE. Il-vulnerabbiltajiet potenzjali huma relatati mat-tħejjija għal xokkijiet tal-likwidità, l-akkumulazzjoni ta’ ingranaġġ eċċessiv, b’mod partikolari permezz ta’ self finanzjarju u derivattivi, u l-effetti mhux magħrufa ta’ rabtiet li qed jikbru bejn dawn l-entitajiet u s-sistema bankarja tradizzjonali.

Nemmen li r-reżiljenza tal-NBFIs hija prekundizzjoni għall-kontribut effettiv tagħhom lejn is-suċċess tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, li huwa prijorità ewlenija tal-Kummissjoni f’konformità mal-Linji gwida politiċi. Għalhekk, nilqa’ l-fatt li l-Parlament Ewropew, fir-rapport tiegħu tal-2023 dwar l-Unjoni Bankarja, irrikonoxxa wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-NBFIs. Barra minn hekk, ir-rapport enfasizza l-importanza li jiġu żviluppati għodod regolatorji u superviżorji biex tiġi evitata kriżi fil-likwidità u r-riskji mill-interkonnettività bejn il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji. L-NBFIs li huma rregolati fil-livell tal-UE huma soġġetti għal reġimi regolatorji robusti, b’mod partikolari d-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, id-Direttiva UCITS, id-Direttiva dwar Maniġers ta’ Fondi ta’ Investiment Alternattivi, ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew u Solvenza II, li kollha ġew emendati reċentement. Dawn l-entitajiet joperaw fis-Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja, li timmonitorja wkoll ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja permezz tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), u l-awtorità kompetenti nazzjonali. Għalhekk, ta’ min jinnota li s-servizzi tal-Kummissjoni reċentement nedew konsultazzjoni mmirata li, filwaqt li tibni fuq dawn il-kisbiet, qed tiġbor evidenza dwar l-adegwatezza tal-politiki makroprudenzjali eżistenti biex jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-NBFI. Nistenna wkoll li titfa’ dawl fuq oqsma li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma ġewx affettwati minn azzjoni leġiżlattiva preċedenti, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji li bħalissa jinsabu barra mill-perimetru regolatorju tal-UE, u għalhekk tipprovdi aktar ċarezza dwar jekk hijiex meħtieġa aktar azzjoni. Is-sejbiet tal-konsultazzjoni se jgħinu wkoll fil-valutazzjoni tal-għażliet għal superviżjoni mtejba tar-riskji ta’ likwidità fil-fondi tas-swieq monetarji (MMFs, money markets funds).

Ir-rabtiet finanzjarji bejn il-banek u l-NBFIs, l-hekk imsejħa “interkonnettività”, huma wkoll suġġett importanti li għandna nżommu f’moħħna, u nilqa’ l-fatt li r-rapport tal-Parlament Ewropew tal-2023 dwar l-Unjoni Bankarja ġibed l-attenzjoni politika għall-kwistjoni. Nemmen li huwa importanti li jiġu mmonitorjati dawn l-iskoperturi – u l-ECB-SSM diġà qed jagħmlu dan – u li jiġi skoraġġut it-teħid ta’ riskju eċċessiv, partikolarment meta jkun akkumpanjat minn ġestjoni tar-riskju inadegwata. Bis-saħħa tal-appoġġ tal-Parlament, l-Unjoni reċentement saħħet, permezz tal-Pakkett Bankarju tal-2024 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital 3), ir-rekwiżiti skont il-qafas tal-iskoperturi l-kbar li magħhom il-banek iridu jikkonformaw fir-rigward tal-iskoperturi tagħhom għal xi NBFIs. Għal dak l-għan, il-Pakkett Bankarju jirrikjedi d-divulgazzjoni tal-iskopertura aggregata tal-banek għas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji, li tiffoka l-aktar fuq l-iskopertura għal entitajiet mhux bankarji barra mill-qafas regolatorju tal-UE u fuq entitajiet regolati speċifiċi, bħal fondi tas-suq monetarju jew fondi ta’ investiment alternattivi b’ingranaġġ għoli. Huwa jipprovdi wkoll mandati lill-Awtorità Bankarja Ewropea tirrieżamina l-linji gwida eżistenti dwar istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji u tippreżenta rapport dwar il-kontribuzzjoni tagħhom għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali u dwar l-iskoperturi tal-banek għal dawk l-entitajiet.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se neżamina aktar kif niżgura r-reżiljenza tal-NBFIs, filwaqt li nżomm f’moħħi r-riskji li joħolqu iżda wkoll il-kontribuzzjoni tagħhom għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u b’hekk għall-kompetittività tal-ekonomija tagħna. Barra minn hekk, se nkompli nimpenja ruħi mal-partijiet ikkonċernati Ewropej u mas-sħab internazzjonali, b’mod partikolari permezz tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, biex nimmonitorjaw l-aħħar żviluppi, nivvalutaw ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet emerġenti, inwettqu l-impenji tal-G20 u tal-G7 dwar ir-riformi tal-NBFI u niżgura, meta possibbli, rispons koordinat u mfassal tajjeb għall-vulnerabbiltajiet tal-NBFI u nevita l-arbitraġġ regolatorju fis-sistema finanzjarja globali integrata tal-lum.

**Finanzi Sostenibbli**

*7. X'passi ulterjuri huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Unjoni tibqa' mexxejja globali fil-qasam tal-finanzi sostenibbli, li jiġi żblukkat il-kapital għall-investiment fit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u li jissaħħaħ il-qafas ta' finanzjament sostenibbli? Kif qed tippjana li taħdem lejn linja bażi internazzjonali għall-finanzi sostenibbli biex iżżid l-interoperabbiltà u l-effettività tal-istandards tal-finanzi sostenibbli fil-ġuriżdizzjonijiet kollha? Kif beħsiebek tissimplifika l-qafas ta' finanzjament sostenibbli, ittejjeb l-użu tiegħu, inkluż it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u ta' rapportar, u tirrazzjonalizzah, filwaqt li tikseb ir-riżultati ambizzjużi meħtieġa? Taħseb li r-Regolament attwali dwar Divulgazzjonijiet Relatati mas-Sostenibbiltà tas-Servizzi Finanzjarji (SFDR) jgħin lill-investituri bl-imnut jivvalutaw ir-riskji għas-sostenibbiltà u jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-investiment, u temmen li l-prodotti ta' investiment ikkummerċjalizzati bħala sostenibbli għandhom jaderixxu ma' kriterji minimi ta' sostenibbiltà?*

Kif stabbilit fl-ittra ta' missjoni tiegħi mill-President von der Leyen, jeħtieġ li nkomplu niżviluppaw il-finanzjament sostenibbli, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni u r-reżiljenza għall-klima, u li niżguraw li l-UE tibqa' mexxejja globali f'dan il-qasam.

Il-qafas tal-finanzi sostenibbli tal-UE issa jinsab fil-biċċa l-kbira tiegħu fis-seħħ. Minħabba l-urġenza li tittieħed azzjoni, is-sett ta' għodod ġie żviluppat fi żmien relattivament qasir, mill-2018. Is-sinjali bikrija huma ġeneralment inkoraġġanti. Naraw li l-investimenti ekoloġiċi qed jikbru b'mod kostanti. Huwa ċar ukoll li dan il-qafas il-ġdid u r-rekwiżiti ta' rapportar tiegħu jiġu b'kostijiet ġodda fuq terminu qasir, u l-investimenti mhux dejjem jistgħu jiġu bi gwadanji immedjati. Madankollu, il-kostijiet ta' nuqqas ta' azzjoni fl-isfida klimatika qed isiru dejjem aktar evidenti.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nibni fuq il-qafas fis-seħħ u naħdem lejn is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti biex jittaffew il-piżijiet bla bżonn, mingħajr ma jiġu kompromessi l-objettivi komuni tagħna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. F'dan l-istadju, nifhem li ma neħtieġux rekwiżiti jew regolamenti ġodda sinifikanti, iżda probabbilment jeħtieġ li naġġustaw dawk eżistenti u nirfinaw ir-rekwiżiti u r-regolamenti biex nagħmluhom adegwati għall-użu. Rieżamijiet immirati għandhom jitwettqu wkoll biex tiġi ssimplifikata u ffaċilitata l-applikazzjoni tal-qafas. U huwa ta' importanza ewlenija li l-partijiet ikkonċernati jkomplu jiġu akkumpanjati fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom. Is-sett ta' għodod għad irid isir aktar sempliċi u aktar proporzjonat għal atturi iżgħar fis-suq, inkluż fir-rigward tal-effetti indiretti tal-obbligi ta' atturi akbar; u biex tiġi ffaċilitata aħjar l-espansjoni tal-finanzjament tat-tranżizzjoni għall-entitajiet kollha, irrispettivament mill-punti tat-tluq tagħhom u filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li passi sinifikanti lejn l-objettivi ta' sostenibbiltà, anki jekk inkrementali, huma aħjar minn xejn. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex intejjeb l-użabbiltà ġenerali tal-qafas, innaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq il-kumpaniji, u nissimplifika l-qafas biex nagħmlu aktar utilizzabbli minn firxa usa' ta' atturi, inklużi l-SMEs, mingħajr ma ndgħajjef l-objettivi ewlenin u mingħajr ma nagħti lok għal greenwashing. Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, il-Kummissarju għall-Ekonomija u l-Produttività, l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni, il-Kummissarju għall-Ambjent, ir-Reżiljenza tal-Ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, u l-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif biex inkompli nwassal dawn il-prijoritajiet.

Irridu nkomplu nipprovdu gwida għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari dwar l-Istandards Ewropej ta' Rapportar dwar is-Sostenibbiltà, it-Tassonomija, u l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi. Jeħtieġ li niżguraw li d-divulgazzjonijiet u r-rekwiżiti ta' ppjanar tat-tranżizzjoni għall-kumpaniji jkunu koerenti fil-qafas kollu kemm hu. Soluzzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu żviluppati wkoll biex jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u possibbilment mid-caps żgħar, inkluż l-iżvilupp ta' standards ta' rapportar sempliċi u aċċessibbli. Għandna nisimgħu l-feedback dwar l-isfidi rrapportati fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni u nagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa għall-qafas kollu kemm hu billi nsegwu approċċ koerenti u olistiku. Diġà nedejna konsultazzjoni pubblika dwar ir-Regolament dwar Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja u abbażi ta' dak il-feedback se nivvalutaw il-linja ta' azzjoni xierqa. Għandna nirrieżaminaw ukoll l-Atti Delegati tat-Tassonomija tal-UE biex inkopru aktar attivitajiet ekonomiċi, nagħmlu l-kriterji eżistenti bħal "La tagħmilx ħsara sinifikanti" aktar faċli biex jiġu applikati, u niżguraw li l-attivitajiet tranżizzjonali jibqgħu fuq perkors ta' tranżizzjoni kredibbli konsistenti ma' ekonomija newtrali għall-klima u li d-divulgazzjonijiet tat-Tassonomija jkunu kosteffettivi. Fl-aħħar nett, għandna niffaċilitaw aktar il-flussi ta' *data* u l-leġġibbiltà mill-magni, u għal dak l-għan nagħmlu użu sħiħ mill-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP, European Single Access Point).

Jekk niġi kkonfermata, naħdem fuq ir-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja biex nindirizza l-greenwashing b'mod aktar effettiv u nippermetti lill-investituri finali jifhmu aktar faċilment il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-prodotti finanzjarji li huma jikkunsidraw li jixtru. Għal dan l-għan, l-ewwel nett,

għandna nikkunsidraw bidliet fid-divulgazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, environmental, social, and governance) għall-prodotti finanzjarji, biex intejbu l-komparabbiltà u l-affidabbiltà. L-investituri jridu jirċievu informazzjoni robusta, sinifikanti u li tinftiehem faċilment, filwaqt li jiġu evitati asserzjonijiet potenzjalment qarrieqa jew proċessi kumplessi. Id-divulgazzjonijiet tar-Regolament dwar Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja jridu jkunu koerenti wkoll mad-divulgazzjonijiet l-oħra skont il-qafas usa' ta' finanzjament sostenibbli. Dan ikun ta' benefiċċju kemm għall-investituri bl-imnut kif ukoll għall-manifatturi tal-prodotti. It-tieni, jeħtieġ li nivvalutaw il-fattibbiltà ta' sistema ta' kategorizzazzjoni relatata mas-sostenibbiltà għall-prodotti finanzjarji. L-użu ħażin attwali tal-qafas bħala psewdo-reġim ta' tikkettar joħloq riskji ta' greenwashing u ta' protezzjoni tal-investituri u ma jipprovdix kategorizzazzjoni preċiża tal-prodotti. Sistema sempliċi ta' kategorizzazzjoni, li tiddependi fuq objettivi ċari u kriterji robusti, tista' tiffaċilita l-fehim tal-investituri u tevita asserzjonijiet qarrieqa tal-ESG. Dawn il-passi kollha jgħinu biex jattiraw investituri interessati ġodda fi prodotti ekoloġiċi kosteffiċjenti, u jimmobilizzaw iffrankar fit-tul lejn investimenti ekoloġiċi, bħala parti minn Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti aktar profonda u aktar integrata.

Iżda rridu niftakru wkoll li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma sfida globali. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, inkompli l-ħidma f'fora internazzjonali u ma' ġuriżdizzjonijiet sħab biex niffaċilita l-interoperabbiltà bejn l-oqfsa tagħna. Aktar interoperabbiltà – b'mod partikolari dwar it-tassonomiji u d-divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà – se tgħin biex jiġu żviluppati swieq kapitali transfruntiera b'kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE. It-Tassonomija tal-UE ispirat oqfsa simili fl-Afrika t'Isfel, il-Kolombja, Singapore u l-Messiku, fost oħrajn. Fil-qasam tal-finanzjament tat-tranżizzjoni, għandna nkomplu niżviluppaw il-prinċipji u l-għodod meħtieġa biex nallinjaw l-attivitajiet finanzjarji mal-għanijiet klimatiċi u ta' sostenibbiltà, b'mod konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-UE. Min-naħa tiegħu, dan se jgħin biex jiġu ppreservati l-kundizzjonijiet ekwi u l-kompetittività tal-operaturi tal-UE filwaqt li jżid l-ambizzjoni klimatika u ambjentali globali. Fil-qasam tad-divulgazzjonijiet, għandna nkomplu mmexxu bl-eżempju. L-approċċ tal-UE għar-rapportar, inkluża l-materjalità doppja, ispira ġuriżdizzjonijiet bħall-Iżvizzera u ċ-Ċina. Diversi pajjiżi (eż. il-Ġappun u r-Renju Unit) jintegraw ukoll il-fatturi ESG fid-deċiżjonijiet ta' investiment. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tkompli tibni fuq il-livell għoli ħafna ta' interoperabbiltà li diġà nkiseb bejn l-istandards ta' rapportar tal-UE u dawk globali biex jitnaqqsu l-piżijiet potenzjali fuq il-kumpaniji tal-UE.

<u>Mistoqsija mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur</u>

*8. Fl-ittra ta' missjoni indirizzata lilek, il-President tal-Kummissjoni Ewropea talbitek tiżgura li r-regoli tal-UE joffru livell xieraq ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-investituri bl-imnut, jagħtuhom is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-swieq kapitali b'termini aktar ġusti, b'mod partikolari fid-dawl tal-użu tal-IA fis-settur finanzjarju. X'miżuri konkreti, inklużi miżuri leġiżlattivi, se tieħu biex tikseb l-objettivi msemmija hawn fuq? Biex tappoġġja dan, inti mitluba taħdem fuq strateġija ta' litteriżmu finanzjarju. X'inhu l-pjan tiegħek u l-azzjoni li beħsiebek tieħu biex tiżviluppa din l-istrateġija?*

L-investituri bl-imnut iridu jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment infurmati tajjeb, ikunu protetti b'mod adegwat, u jiksbu negozju ġust meta jinvestu. Inqis li dawn huma prerekwiżiti essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni bl-imnut fis-swieq kapitali. Huwa biss jekk l-investituri bl-imnut iħossu li jistgħu jafdaw is-swieq biex jipprovdulhom redditi deċenti u biex jissodisfaw il-preferenzi ta' investiment tagħhom, li jkunu inċentivati biex jinvestu aktar. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni bl-imnut se tgħin ukoll lill-ekonomija tal-UE. Il-fondi jistgħu jiġu diretti lejn l-investiment biex jiġi żgurat li nkunu nistgħu nilħqu l-objettivi ekonomiċi tagħna, bħall-finanzjament tal-innovazzjoni, in-negozji ġodda u t-tranżizzjoni diġitali, soċjali u ekoloġika.

Biex jintlaħqu l-objettivi ta' hawn fuq, se jkun ta' importanza ewlenija li tingħata prijorità lill-ftehim rapidu u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Investiment bl-Imnut tal-Kummissjoni, b'mod konsistenti mal-għanijiet ta' hawn fuq. Madankollu, ikun xi jkun l-eżitu finali, huwa ċar li l-miżuri fl-Istrateġija ta' Investiment bl-Imnut x'aktarx li ma jkunux biżżejjed biex iwasslu għal bidla fundamentali fl-attitudnijiet tal-investituri bl-imnut lejn l-investiment. Jeħtieġ li nagħmlu aktar.

Meta nħares 'il quddiem u nibni fuq il-konsultazzjonijiet u l-esperjenza li ksibt bħala Kopresident tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-fergħa tal-parteċipazzjoni bl-imnut tas-CMU, beħsiebni, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, inwessa' l-fokus, nesplora modi kif niżviluppa suq verament uniku għal prodotti sempliċi u bi prezz baxx ta' investiment u ta' tfaddil, sabiex niżgura aktar għażla, prezzijiet aktar baxxi u aċċess aħjar għal tali prodotti. Jekk niġi kkonfermata, se nagħmel valutazzjoni bir-reqqa ta' jekk hemmx suq uniku effiċjenti u funzjonali għal tali prodotti, u kif u sa liema punt modi differenti ta' investiment jistgħu jkunu qed jattiraw investituri ġodda, inkluż permezz tal-użu ta' għodod diġitali faċilment aċċessibbli u jekk il-kundizzjonijiet it-tajba humiex fis-seħħ biex kumpaniji tal-UE jiżviluppaw l-iskala u joffru prodotti kosteffiċjenti, transfruntiera u

trasparenti b'redditu tajjeb, li jiżgura wkoll li l-investituri bl-imnut ikunu infurmati b'mod adegwat. Rajna eżempji f'xi Stati Membri li stabbilew b'suċċess kontijiet ta' investiment u ta' tfaddil li jipprovdu inċentivi tat-taxxa u jinkoraġġixxu l-investiment bl-imnut. Nixtieq inħares aktar mill-qrib lejn kif ħadmu dawk l-iskemi u x'għamilhom ta' suċċess. Kwalunkwe sforz f'din id-direzzjoni jirrikjedi sforz ikkombinat kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib ma' membri oħra tal-Kulleġġ, b'mod partikolari l-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt, u l-partijiet ikkonċernati kollha, biex insegwi dawn l-għanijiet.

L-Intelliġenza Artifiċjali (IA) tista' tgħin lill-konsumaturi u lill-investituri bl-imnut jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati billi tipproċessa malajr id-*data* u tipprovdi għarfien personalizzat b'mod aktar aċċessibbli bi prodotti u servizzi aktar imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi individwali. Dan jista' jżid l-aċċess għas-swieq kapitali. Naturalment, bl-opportunitajiet jinħolqu r-riskji, u huwa għalhekk li l-implimentazzjoni f'waqtha tal-Att dwar l-IA se tkun importanti biex tiġi żgurata l-fiduċja. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija biex niżgura li l-applikazzjoni tal-Att dwar l-IA tiġi integrata bla xkiel u b'mod effettiv fis-superviżjoni finanzjarja eżistenti.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nkompli wkoll bil-ħidma importanti dwar il-litteriżmu finanzjarju li twettqet matul l-aħħar mandat. Kif mitlub fl-ittra ta' missjoni, se nipproponi strateġija dedikata. Il-litteriżmu finanzjarju huwa ħila importanti għall-ħajja, li għandha tiġi żviluppata kmieni fil-ħajja peress li tista' tpoġġi lin-nies f'pożizzjoni ħafna aktar b'saħħitha biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-finanzi tagħhom, u jippjanaw għall-futur. Minħabba ż-żieda tal-frodi online, il-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji jeħtieġ li jkunu dejjem aktar konxji u lesti li jiffaċċjaw scams ċibernetiċi. Sfortunatament, il-livelli ta' litteriżmu finanzjarju u diġitali fl-UE għadhom baxxi wisq: ir-riżultati ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru f'Lulju 2023 juru li 18 % biss taċ-ċittadini tal-UE juru livell għoli ta' litteriżmu finanzjarju. Il-livelli ta' litteriżmu finanzjarju jvarjaw ukoll b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u bejn gruppi differenti fl-Istati Membri, u jaffettwaw b'mod speċjali lin-nisa, liż-żgħażagħ u lill-persuni akbar fl-età li għandhom livelli aktar baxxi ta' litteriżmu. Il-litteriżmu finanzjarju baxx għandu impatt fuq il-benesseri personali u finanzjarju tal-individwu, tal-unitajiet domestiċi, u tas-soċjetà b'mod aktar wiesa'.

Jeħtieġ li nivvaluta u nidentifika l-ostakli li fadal li jipprevjenu l-effettività sħiħa tal-ħidma tajba li saret s'issa, nikkonsulta u nirrifletti dwar it-triq 'il quddiem xierqa. Kwalunkwe strateġija ċertament se tkun qed tħares lejn modi biex jiżdiedu u jiġu appoġġjati l-iskambji tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u tipprovdi aktar gwida għall-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' kompetenza finanzjarja eżistenti. Jiena konxja ħafna tal-kompetenza tal-Kummissjoni f'dan il-qasam u se nqis l-għażliet ta' politika bir-reqqa f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati f'diversi setturi u f'kollaborazzjoni ma' membri oħra tal-Kulleġġ biex niżgura miżuri xierqa. Jiena nserraħ fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew f'dak ir-rigward, peress li l-litteriżmu finanzjarju huwa b'mod ċar qasam li fih ilkoll jeħtieġ li naħdmu flimkien b'mod konsistenti u li jħalli impatt.

Fl-aħħar nett, nenfasizza li filwaqt li l-isforzi biex jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju huma komplement importanti għar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur – naturalment dawn qatt ma jistgħu jkunu sostitut għal qafas leġiżlattiv sod għall-protezzjoni tal-konsumatur.

<u>Mistoqsija mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern</u>

*9. Il-missjoni tiegħek se tkun li tkompli taħdem fuq il-finanzi diġitali, kif ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-pakkett il-ġdid kontra l-ħasil tal-flus.*
*X'passi tipprevedi li tieħu sabiex tivvaluta l-varar tas-sistemi tal-IA fis-settur finanzjarju, inkluża l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti speċifiċi għas-sistemi tal-IA b'riskju kbir previsti fl-Att dwar l-IA (bħas-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju jew il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar id-drittijiet fundamentali)? Liema passi ta' prijorità beħsiebek tieħu sabiex timplimenta b'mod effettiv il-ġabra unika tar-regoli l-ġdida dwar l-AML, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur finanzjarju, iżda wkoll tas-settur mhux finanzjarju kif ukoll setgħat, kompetenzi u għodod ġodda pprovduti lill-unitajiet tal-intelligence finanzjarja sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu?*

Fl-ittra ta' missjoni tiegħi, il-President von der Leyen talbitni nkompli l-ħidma fuq il-finanzi diġitali u b'mod partikolari nivvaluta l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fil-finanzi. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se naħdem ma' membri oħra tal-Kulleġġ, u bl-appoġġ tad-DĠ FISMA, tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u tal-Uffiċċju tal-IA tal-Kummissjoni Ewropea li għadu kif ġie stabbilit, biex nilħqu l-għanijiet komuni tagħna. Naturalment se naħdem ukoll mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Jekk niġi kkonfermata, se nibni fuq il-ħidma li diġà saret, b'mod partikolari konsultazzjonijiet reċenti u sensibilizzazzjoni mmirata li għandhom l-għan li jipprovaw jiġbru għarfien mill-partijiet ikkonċernati dwar l-iżviluppi attwali tas-suq kif ukoll riskji u ostakli

potenzjali li jimpedixxu l-adozzjoni tal-IA fis-settur finanzjarju. Se naħdem ukoll mill-qrib mal-komunità superviżorja u mal-Uffiċċju tal-IA biex niżgura l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli deskritti fl-Att dwar l-IA. Fl-aħħar nett, minħabba li l-IA tippreżenta ħafna opportunitajiet u riskji fil-livell globali, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se naħdem mal-kontropartijiet internazzjonali tagħna bħall-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali biex niżviluppa soluzzjonijiet ikkoordinati globalment, li jirrispettaw il-valuri Ewropej.

Nemmen li huwa ta' importanza kbira li ssir ħidma mal-partijiet ikkonċernati kollha – kemm jekk huma konsumaturi, utenti, fornituri, żviluppaturi, jew superviżuri, u mhux l-inqas il-Parlament Ewropew u l-Kunsill – biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tar-regoli l-ġodda skont l-Att dwar l-IA. L-att dwar l-IA jidentifika l-valutazzjoni tal-kreditu tal-konsumatur u l-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ipprezzar fl-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-ħajja bħala applikazzjonijiet b'riskju għoli, u jeħtieġ li nagħtu attenzjoni partikolari għall-fatt li l-użu tal-IA f'dawn is-setturi jissodisfa l-istandards stabbiliti fl-Att dwar l-IA. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija biex nivvaluta l-użu tal-IA fis-settur finanzjarju. Jekk iqumu mistoqsijiet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE tas-settur finanzjarju f'termini ta' kif din tapplika għall-IA, se naħdem mill-qrib ukoll mal-komunità superviżorja biex nara kif l-aħjar jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

Jekk niġi kkonfermata, nixtieq nieħu approċċ proattiv li jindirizza x-xenarju li qed jevolvi tal-IA fil-finanzi, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal approċċ ta' politika sfumat li jibbilanċja l-innovazzjoni, jaħtaf l-opportunitajiet u l-vantaġġi li tista' toffri b'ġestjoni tar-riskju solida, kemm minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja kif ukoll minn dik ta' drittijiet fundamentali. Billi nimpenja ruħi mal-koleġiżlaturi u mal-partijiet ikkonċernati, u nrawwem id-djalogu, nixtieq noħloq ekosistema ta' appoġġ li tippermetti kemm lis-settur finanzjarju kif ukoll lill-komunità superviżorja finanzjarja jisfruttaw il-potenzjal tal-IA filwaqt li jimmitigaw ir-riskji tagħha.

Dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-pakkett ta' riformi miftiehem taħt il-mandat preċedenti għandu l-potenzjal li jġib bidla vera fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja. Iżda l-liġijiet huma tajbin biss daqs l-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika. Naqbel bis-sħiħ mal-għan stabbilit fil-linji gwida politiċi għal din il-Kummissjoni biex ikun hemm attenzjoni fuq implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Nemmen li dan għandu jkun il-fokus primarju tagħna fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jekk se nagħmlu din ir-riforma realtà u suċċess. Jekk niġi kkonfermata, se nallinja mill-qrib mal-Kummissarju nnominat għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni biex niżgura approċċi konsistenti għall-għanijiet komuni tagħna tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Se niżgura wkoll kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għat-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva l-ġdida dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, kif ukoll djalogu miftuħ mas-setturi biex jippermetti l-introduzzjoni gradwali bla xkiel tar-rekwiżiti tar-Regolamenti l-ġodda dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.

Għandna sa nofs l-2027 biex inħejju t-triq għall-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid. Għalhekk ma għandniex żmien x'nitilfu; ir-riforma kienet ta' daqs enormi, u hemm novitajiet importanti li rridu niżguraw li jiġu introdotti b'mod koerenti. Jeħtieġ li l-ħidma tibda issa jekk se nagħtu r-riżultati.

Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni u l-miżuri delegati diġà tinsab għaddejja. Huma se jistabbilixxu fid-dettall kif l-entitajiet kemm fis-settur finanzjarju kif ukoll f'dak mhux finanzjarju huma mistennija li jikkonformaw ma' rekwiżiti importanti. Il-ħidma fuq l-għodod u l-metodoloġiji komuni għas-superviżjoni ta' dawn is-setturi qed tingħata prijorità wkoll. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se niżgura li s-servizzi tiegħi jkomplu jibnu fuq dan il-momentum, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali. Il-miżuri tekniċi kollha se jiġu kkonsultati pubblikament sabiex l-industrija tkun tista' tipprovdi għarfien u suġġerimenti. Dan il-proċess se jiżgura li r-rekwiżiti regolatorji jkunu proporzjonati u adegwati għall-użu. Daqstant importanti għalija se tkun l-istruttura t-tajba tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.

Fir-rigward tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIUs, Financial Intelligence Units), diġà bdiet il-ħidma biex jiġi armonizzat kif l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jirċievu, jipproċessaw u jiskambjaw l-informazzjoni. Barra minn hekk, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, bħalissa l-Kummissjoni qed tiżviluppa verżjoni ġdida tal-pjattaforma sigura ta' skambju ta' informazzjoni "FIU.net". Tnediet ukoll ħidma għall-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kontijiet bankarji nazzjonali. Dawk il-flussi ta' ħidma kollha se jtejbu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja li jiskambjaw u janalizzaw malajr l-informazzjoni u jirrapportaw il-każijiet lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Meta nħares 'il quddiem, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, mhux se noqgħod lura milli naġixxi b'mod deċiżiv. L-Ewropa ma tistax taffordja li tirrepeti l-istess żbalji tal-passat meta miżuri tardivi jew inkorretti adottati

jew implimentati fil-livell nazzjonali pperikolaw il-kapaċità kollettiva tagħna li niġġieldu l-kriminalità finanzjarja. Għalhekk, beħsiebni nuża l-istrumenti kollha għall-implimentazzjoni u l-infurzar għad-dispożizzjoni tiegħi, inklużi l-proċedimenti ta' prevenzjoni u ta' ksur, biex niżgura li l-qafas u l-awtoritajiet tagħna jilħqu l-għanijiet miftiehma b'mod komuni tagħna.